**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
Seduta tal-Awtorità tad-Djar

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul Cassar**
(K.I. 101161M)

Kawża Nru H 1/2023

Illum, 8 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat illi **Paul Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identità numru 101161M iben Joseph u Josephine nee' Gatt, imwieled Ħal-Qormi fis-26 ta' Jannar 1961 u joqgħod ġewwa l-fond numru 160, "Angelo S Court" P/H, Triq Melqart, Marsaxlokk ġie akkużat quddiemha:

> Talli b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżolulzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat u ċioè fit-3 ta' Ġunju 2021 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond 165, "Invicta Court", Flat 6, Triq Joseph Abela Scolaro, Santa Venera, bi ksur tal-liġijiet u regolamenti applikabbli, inti nqast li tirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Liping Wang ma' l-Awtorità tad-Djar;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, kemm il-prosekuzzjoni u d-difiża ssottomettew illi piena versu l-minimu stabbilit bil-liġi hija aċċettabbli.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 4 u 22 tal-Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Paul Cassar <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal multa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500).

**Ft.Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**